# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 7 ta' Mejju, 2001.**

**Numru 6**

**Citaz. Nru. 654/00GV**

**Joseph u Anna konjugi Falzon**

**vs**

**Mario u Mary konjugi Gauci**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-partijiet kontendenti kienu iffirmaw konvenju datat 31 ta' Jannar, 1995 ghal bejgh u trasferiment ta' garage versu l-prezz ta' hamest elef lira Maltin (Lm5,000) u thallas depozitu ta' elf lira Maltin (Lm1,000) versu l-prezz (Dok. A u B); u

Premess illi l-imsemmi konvenju gie mgedded diversi drabi, u sad-data tal-lum l-atturi effetwaw diversi pagamenti versu l-prezz miftiehem li jammontaw ghal tlett elef u tlett mitt lira Maltin (Lm3,300); u

Premess illi ghalhekk l-atturi diga' hallsu lill-konvenuti s-somma ta' erbat elef u erba' mitt lira Maltin (Lm4,400) kif jirrizulta mid-dokument B sa H hawn annessi; u

Premess illi l-konvenju skada u l-att finali baqa' ma sarx; u

Premess illi dan l-ammont huwa rifondibbli u huwa debitu cert, likwidu u dovut;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti:

1. Tiddecidi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167 u 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' erbat elef u erba' mitt lira Maltin (Lm4,400) rapprezentanti hlas akkont tal-prezz ghal bejgh u trasferiment ta' garaxx, liema att finali ma sarx.

Bl-ispejjez, inkluzi imghaxijiet legali kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-atturi;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lil konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur Joseph Falzon; Semghet l-avukat tal-atturi; Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata; Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddecidi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**